IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja
fil-Kawża C-698/23 P | KEPD vs Il-Parlament u Il-Kunsill

Stqarrija għall-Istampa Nru 165/26

Il-Lussemburgu, 17 ta' Novembru 2026

Ipproċessar ta' data personali mill-Europol: Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-ammissibbiltà ta' rikors tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) kontra l-emenda tar-Regolament Europol

Id-dispożizzjonijiet tranżitorji ta' dan ir-regolament li l-KEPD talab l-annullament tagħhom la jbiddlu l-kompiti tiegħu u lanqas is-setgħat tiegħu u għalhekk ma jaffettwawx direttament is-sitwazzjoni legali tiegħu

Wara li kkonstata li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) kienet qed iżżomm data personali mingħajr ma kkategorizzaha kif meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEDP) adotta deċiżjoni li tordna lil Europol biex twettaq din il-kategorizzazzjoni f'termini stabbiliti jew, inkella, biex tħassar id-data inkwistjoni. Ftit xhur wara, il-leġiżlatur tal-Unjoni adottat dispożizzjonijiet tranżitorji li jippermettu, taħt ċerti kundizzjonijiet, it-tkomplija tal-ipproċessar ta' data fil-pussess tal-Europol.

Billi huwa tal-fehma li dawk id-dispożizzjonijiet jnaqqsu l-indipendenza tiegħu bħala awtorità ta' kontroll u jagħmlu d-deċiżjoni tiegħu ineffettiva, il-KEDP jitlob l-annullament ta' dawk id-dispożizzjonijiet quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tiegħu bħala inammissibbli.

Fis-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat l-inammissibbiltà tar-rikors: kuntrarjament għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni, il-KEPD għandu jiġġustifika l-*locus standi* tiegħu. B'mod partikolari, għandu juri li d-dispożizzjonijiet kkontestati jikkonċernawh direttament u individwalment. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li dawn ma għandhom ebda effett fuq in-natura u l-portata tal-kompiti fdati lill-KEPD, sa fejn dawn la biddlu d-drittijiet tiegħu, la l-obbligi tiegħu u lanqas il-kompetenzi tiegħu. Huma lanqas ma biddlu l-garanziji ta' indipendenza tal-KEDP, u lanqas ma annullaw id-deċiżjoni li kien ħa fir-rigward ta' Europol. Għalhekk id-dispożizzjonijiet kontestati ma jaffettwawx direttament il-pożizzjoni legali tal-KEDP. Għaldaqstant il-Qorti Ġenerali kienet korretta meta ddeċidiet li r-rikors tal-KEDP kien inammissibbli.

Fit-3 ta' Jannar 2022, wara investigazzjoni, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEDP), responsabbli biex jiżgura l-osservanza tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, adotta deċiżjoni kontra l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol).

Dik id-deċiżjoni kienet tikkonċerna ż-żamma, minn Europol, tad-data personali li rċeviet Europol matul l-attivitajiet tagħha. Fil-fatt, filwaqt li r-Regolament li kien qed jirregola l-attivitajiet ta' Europol [1] kien jawtorizzaha tiġbor u tanalizza tali data, hija kellha tosserva ċerti regoli, b'mod partikolari fir-rigward tal-kategorizzazzjoni tal-persuni kkonċernati u tad-data personali relatata ma' dawn il-persuni.

Madankollu, il-KEDP ikkonstata li l-Europol żammet b'mod kontinwu settijiet ta' data personali mingħajr ma ddeterminat jekk il-persuni kkonċernati kinux jaqgħu taħt il-kategoriji previsti minn dan ir-regolament. Skont il-KEDP, din il-prattika kienet tmur kontra r-regoli dwar il-minimizzazzjoni tad-data u l-limitazzjoni tal-perijodi taż-żamma tad-data. Għaldaqstant, huwa ordna lill-Europol twettaq din il-kategorizzazzjoni f'terminu ta' sitt xhur għad-data ġdida li tkun għadha qed tiġi rċevuta u ta' tnax-il xahar għal dik li hija diġà kellha. Ladarba jiskadew dawn it-termini, Europol kellha tħassar id-data.

Fit-8 ta' Ġunju 2022, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea emendaw ir-Regolament applikabbli għal

Europol [2]. B'mod partikolari, introduċew dispożizzjonijiet tranżitorji [3] li jippermettu lil Europol, suġġett għal ċerti kundizzjonijiet, li tkompli tipproċessa d-data diġà rċevuta fil-kuntest ta' investigazzjoni kriminali li għadhom għaddejjin.

Billi kien tal-fehma li dawn id-dispożizzjonijiet tranżitorji kienu jammontaw għal legalizzazzjoni retroattiva tal-prattiki ta' żamma tad-data li kien ikkritika, u għall-annullament *de facto* tad-deċiżjoni tiegħu ta' Jannar 2022, il-KEPD adixxa lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, biex id-dispożizzjonijiet jiġu annullati. Fil-fehma tiegħu, l-intervent tal-leġiżlatur tal-Unjoni naqqas mill-indipendenza tiegħu bħala awtorità ta' kontroll.

Permezz ta' digriet tas-6 ta' Settembru 2023 [4], il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors bħala inammissibbli. Hija qieset li l-KEDP ma kellux *locus standi* kontra d-dispożizzjonijiet tranżitorji kontenzjużi.

Il-KEPD għalhekk ippreżenta appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, fejn talab l-annullament ta' dan id-digriet u dak tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni.

Fis-sentenza tagħha, **il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet dan l-appell bħala infondat**, li jikkonferma l-inammissibbiltà tar-rikors ippreżentat mill-KEPD quddiem il-Qorti Ġenerali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, għalkemm il-KEPD huwa awtorità ta' kontroll indipendenti, **huwa ma jikkostitwixxix istituzzjoni tal-Unjoni fis-sens tat-Trattati** [5]**.** Kuntrarjament b'mod partikolari għall-Parlament, għall-Kunsill jew għall-Kummissjoni Ewropea, it-Trattati ma jagħtux lill-KEPD id-dritt li jippreżenta rikors għal annullament ta' att tal-Unjoni mingħajr ma jkollu għalfejn juri l-*locus standi* tiegħu.

Tali dritt għal azzjoni legali tal-KEPD lanqas ma jirriżulta mill-prinċipju ta' bilanċ istituzzjonali [6], li huwa intiż li jiggarantixxi l-osservanza tas-sistema ta' tqassim tal-kompetenzi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Fil-fatt, dak il-prinċipju ma japplikax għal korpi u organi tal-Unjoni minbarra l-istituzzjonijiet tagħha.

Madankollu, il-KEPD għandu l-kwalità ta' **persuna ġuridika**. Għaldaqstant, huwa jista' jitlob l-annullament ta' att tal-Unjoni fil-kundizzjonijiet previsti mit-Trattati għal rikorsi ppreżentati għal annullament ippreżentati minn persuni ġuridiċi [7]. Għal dan l-għan, huwa għandu b'mod partikolari juri li l-att ikkontestat jikkonċernah direttament u individwalment. Il-kundizzjoni relatata mal-interess dirett timplika, b'mod partikolari, li l-att inkwistjoni għandu effetti diretti fuq il-pożizzjoni legali tiegħu.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li d-dispożizzjonijiet tranżitorji kontenzjużi emendaw ir-regoli applikabbli għall-ipproċessar tad-data miżmuma mill-Europol. Min-naħa l-oħra, huma ma kellhom ebda effett fuq in-natura u l-portata tal-kompiti fdati lill-KEPD, sa fejn dawn ma biddlux id-drittijiet, l-obbligi jew il-kompetenzi tiegħu. L-imsemmija dispożizzjonijiet lanqas ma emendaw il-garanziji ta' indipendenza tal-KEPD u lanqas ma annullaw id-deċiżjoni tiegħu tat-3 ta' Jannar 2022. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżitorji kontenzjużi ma wrietx elementi ta' natura li jaffettwaw l-eżerċizzju indipendenti mill-KEPD tal-kompetenzi tiegħu.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali li d-dispożizzjonijiet tranżitorji kontenzjużi ma jaffettwawx direttament is-sitwazzjoni legali tal-KEPD. **Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet li r-rikors tagħha kien inammissibbli.**

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiġi adita b'appell, limitat għal kwistjonijiet ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Fil-każ li jkun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Jekk il-kawża tkun fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja taqta' t-tilwima b'mod finali hija stess. Jekk le, hija tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-media, li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja. Il-preżentazzjoni tal-fatti u tal-kuntest ġuridiku tirrifletti s-sitwazzjoni fiż-żmien rilevanti u hija bbażata fuq il-proċess tal-kawża.

It-test sħiħ u, jekk ikun il-każ, is-sunt tas-sentenza huma ppubblikati fis-sit CURIA dakinhar li tingħata.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355.

Immaġni tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq “Curia Web TV” kif ukoll fuq “European Broadcasting Service”
✆ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

[1] Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol).

[2] Regolament (UE) 2022/991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta’ Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma’ partijiet privati, tal-ipproċessar ta’ data personali mill-Europol b’appoġġ għal investigazzjonijiet kriminali, u tar-rwol tal-Europol fir-riċerka u fl-innovazzjoni.

[3] L-Artikolu 74a u 74b tar-Regolament 2016/794, kif emendat mir-Regolament 2022/991.

[4] Kawża KEPD vs Il-Parlament u Il-Kunsill, T-578/22 (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa Nru 134/23).

[5] Artikolu 13(1) TUE. Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza wkoll li, meta adottaw it-Trattat ta' Lisbona, l-Istati Membri għażlu b’mod deliberat li ma jinkludux il-korpi jew l-organi kollha tal-Unjoni, bħall-KEPD, fost l-entitajiet li għandhom id-dritt jitolbu l-annullament ta’ att tal-Unjoni mingħajr ma jkollhom jipprovdu l-*locus standi* tagħhom.

[6] Kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tat-22 ta’ Mejju 1990, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-70/88.

[7] Konformement mar-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.